**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 37 - L-ERBGĦA, 16 TA' NOVEMBRU 2011**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:30.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier (waslet fit-7:40pm) |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* BIĊ |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti għal-laqgħa | |

**1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Il-minuti ġew meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

**2. KOMMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

2.1. Is-Sindku infurmat li riċentament il-Kunsill kien infurmat mill-BOV li kien hemm *safe locker* f'isem il-Kunsill li ma kienx qiegħed jintuża. Wara li sar l-iċċekkjar kien stabbilit li dan kien sar fil-bidu nett tal-Kunsill u li ċ-ċavetta tiegħu ma setgħetx tinstab. Kien għalhekk li l-bank ġie ordnat li jisgassa dan il-*locker* iżda l-Kunsill se jkollu jħallas għall-ispejjeż li jammontaw għal madwar €150. L-isgassar sar it-Tnejn 14 ta' Novembru fil-preżenza tas-SE u ġie stabbilit li dan il-*locker* kien vojt u li oriġinalment kien intiż biex jinżammu l-*backups* tal-kompjuter fih. Il-Kunsill kien infurmat mis-SE li ma kienx hemm bżonn ta' dan il-*locker* u għalhekk il-Kunsill kien se jiffranka madwar €30 fis-sena.

2.2. Is-SE informa li l-linja tat-telefon diretta tiegħu ftit li xejn kienet tintuża u għalhekk issuġerixxa li titneħħa. Bejn Ottubru 2010 u Settembru 2011 il-Kunsill nefaq €360 fuq din il-linja li jistgħu jkunu ffrankati. Il-Kunsill qabel.

2.3. Is-SE informa li kien qiegħed jindaga dwar il-possibiltà li tiddaħħal linja oħra ċellulari li tista' titqabbad mas-sistema tat-telefon minħabba li diġà kellu l-ewwel indikazzjoni li l-Kunsill jista' jiffranka ħafna flus. Il-pubbliku xorta waħda jkun jista' jċempel fuq il-linji

normali. Il-Kunsill qabel li jekk ikun ikkonfermat li jkunu ffrankati l-flus is-SE jista' jordna l-linji ċellulari skont kif l-aħjar.

2.4. Is-SE informa li Transport Malta (TM) kienu bdew il-proċess biex ikunu kostruwiti Trejqet il-Konverżjoni u Triq San Timotju. Minħabba li skont TM ma kienx possibbli li jiddaħħal *paver* tat-tarmak, kienu ddeċidew li ssir bil-konkos. Kien hemm residenti li talbu lil TM biex minflok issir *stencil* iżda TM ma kinitx f'pożizzjoni li tħallas aktar flus. Meta s-SE staqsa għad-differenza bejn tarmak u *stencil* il-Perit ta' TM informa li din kienet tammonta għal €11,200. Il-Kunsill qabel li dan il-metodu jkun jixraq għal Trejqet il-Konverżjoni iżda mhux għal Triq San Timotju wkoll. Għalhekk il-Kunsill talab li jkollu stima tad-differenza għal Trejqet il-Konverżjoni u jekk id-differenza hija ta' mhux aktar minn €3000, is-SE jista' jikkonferma u jekk id-differenza tkun ftit aktar għandu jikkomunika mill-ġdid mal-Kunsillieri.

2.5. Is-SE u l-Viċi Sindku infurmaw li qed ikun hemm problemi fit-twettiq u l-iżvilupp tal-websajt u tas-sistema tal-permessi u, wara li s-SE widdeb lill-kuntrattur, il-kuntrattur bagħat risposta li ma kinitx meqjusa xierqa u, minflok li ra kif jirranġa s-sitwazzjoni, ipprova jiġġustifika u jgħid li għamel xogħol aktar milli kien mistenni. Il-Kunsill qabel li għandu jwaqqaf il-pagamenti dovuti u jieħu parir mingħand l-avukat jekk jistax iwaqqaf il-kuntratt u jibda proċess mill-ġdid.

### 3. RAPPORT DWAR IL-BANDLI

3.1. Is-SE għamel riferenza għar-rapporti mill-*Malta Competition and Consumer Affairs Authority* (MCCAA) dwar il-bandli li kien ġie mgħoddi lill-Kunsillieri xi ġimgħat qabel. Huwa informa li dak ix-xogħol li seta' jsir diġà inbeda iżda kien qiegħed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill għal infiq ikbar, bħal xogħol ta' gradi, u tneħħija ta' apparat meqjus perikoluż.

3.2. Il-Kunsill qabel li l-apparat dikjarat perikoluż għandu jitneħħa u ssir tabella li tindika r-raġuni li qed jitneħħew.

3.3. Fir-rigward tar-rapport dwar is-siġra fi Ġnien Toni Vella li tinsab qrib l-apparat il-Kunsill qabel li MCCAA jkunu mistoqsija jekk hux aċċettabbli li l-parti t'isfel taz-zokk tas-siġra jinkesa bil-lastiku.

### 4. RAPPORT DWAR IL-ĦIDMA TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BIĊ

4.1. Is-Sinj. Cuomo ippreżentat il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv, li kopja tagħhom kienu mibgħuta lill-Kunsillieri ftit wara l-istess laqgħa, bħala rapport tal-ħidma tal-Kumitat. Il-Kunsill approva dawn il-minuti.

4.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat ukoll li l-Kumitat kien qiegħed jaħdem fuq l-attività tal-Milied u fuq il-Festival tal-Ġelati.

### 5. RAPPORT DWAR IL-ĦIDMA TAS-SOTTOKUMITAT TAS-SGĦAJTAR

5.1. Il-Kunsillier Brincat informa li waqt l-aħħar laqgħa ntalbet lista tat-toroq li kienu ppjanati li jinksew bit-tarmak.

5.2. Is-sottokumitat kien qiegħed jipproponi lill-Kunsill li fl-ewwel parti tal-Mosta Ring Road mad-daħla lejn is-Sgħajtar tinżebagħ *junction area* minħabba li qed ikun hemm wisq stennija mill-vetturi li jkunu jixtiequ jidħlu jew joħorġu mis-Sgħajtar minħabba l-istennija tal-vetturi biex joħorġu lejn Triq tal-Labour. Fl-istess żona ntalbet *zebra crossing* biex tagħmilha faċli li r-residenti tas-Sgħajtar jaqsmu l-Mosta Ring Road biex jirkbu t-trasport pubbliku.

5.3. Il-Kunsill qabel ma' dawn it-talbiet u għalhekk talab li jsiru t-talbiet neċessarji lil TM minħabba li t-triq hija fir-responsabbiltà tal-Gvern Ċentrali.

5.4. Sadanittant il-Viċi Sindku informa li ma kienx seta' jattendi għall-aħħar laqgħa tas-sottokumitat.

## 6. RAPPORT DWAR IL-ĦIDMA TAS-SOTTOKUMITAT TA' BIRGUMA

6.1. Is-SE u l-Kunsilliera Muscat Fenech Adami taw informazzjoni dwar l-andament tal-ewwel laqgħa tas-sottokumitat li saret l-Erbgħa 8 ta' Novembru 2011.

6.2. Intqal li kien hemm parteċipazzjoni tajba mill-membri għalkemm l-ewwel reazzjoni kienet li jiffukaw fuq ċertu lmenti. Infatti lmentaw fuq sewqan eċċessiv fi Triq Birguma, bankini għoljin aktar milli suppost, siġar jisporġu fuq il-bankina u trabijiet mill-barrieri.

6.3. Issemma' wkoll li qed ikun hemm ammont ta' skart li jintrema fin-naħa ta' fejn hemm il-barriera ta' Gatt Brothers u li soluzzjoni tista' tkun li l-Kunsill jagħmel xi proġett ta' tisbiħ biex jiskoraġġixxi tfigħ ta' ħmieġ. Proġett simili jista' jinkludi passaġġi fejn wieħed jimxi, jiġri jew jiġri bir-roti.

6.4. Proposti oħra inkludew l-installazzjoni ta' pannelli solari fuq *bus shelters*. Huma xtaqu wkoll li jkunu mpoġġija reċipjenti għall-iskart isseparat iżda ma setgħux jaslu li jsibu post addattat għajr post f'San Pawl tat-Tarġa.

## 7. ĦLAS TA' KONTIJIET U RENDIKONTI TA' DĦUL U ORDNIJIET

7.1.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' kontijiet pendenti. Il-lista kienet approvata (annessa f'A).

7.1.2. Is-SE ippreżenta wkoll ir-rendikonti tad-dħul u tal-ordnijiet għal Ottubru. Dawn kienu approvati (annessi f'B u f'Ċ rispettivament).

7.1.3. *Kwotazzjonijiet għall-istampar tal-Kuntatt:* Il-Kunsill kien ippreżentat bi skeda ta' kwotazzjonijiet għall-istampar tal-Kuntatt. Il-kumpaniji li tefgħu l-kwotazzjonijiet kienu Print Right, Veritas u Print It bl-irħas prezz ikun mingħand Print It. Il-Kunsill laqa' l-kwotazzjoni ta' Print It.

## 8. ĦATRIET ĠODDA FL-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL

8.1. Il-Kunsill ikkonferma l-approvazzjoni tal-ħatra tal-iskrivan Benjamin Bugeja għall-kariga ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) b'effett mill-1 ta' Novembru 2011.

8.2. Il-Kunsill kien ippreżentat bir-rapport tal-intervista li saret lill-unika applikanta għall-kariga ta' skrivana (skala 15). Ir-rapport kien qiegħed jirrakkomanda li l-Kunsill ma jagħżilx lil din l-applikanta u li kellu jmur għal-listi tal-ETC. Il-Kunsill approva.

8.3. Sadanittant is-SE talab lill-Kunsill biex jikkonsidra li jaħtar bord tal-għażla. Madanakollu kien hemm qbil li, meta jkunu se jsiru l-intervisti għandhom ikunu infurmati l-Kunsillieri kollha u jintgħażlu 4-5 membri li jkunu jistgħu jattendu.

## 9. RIŻOLUZZJONI DWAR PPP MAD-DAR SAGRA FAMILJA

9.1. Il-Kunsillier Gatt informa immedjatament li huwa għandu 'l-ommu taħdem mad-Dar Sagra Familja filwaqt li għandu nannu u ziju residenti u għalhekk xtaq ikun jaf jekk jitqisx

li kellu konflitt ta' interess. Is-SE infurmah li dan ma jistax jitqies li huwa konflitt ta' interess u fil-fatt kienu tal-istess fehma l-Kunsillieri kollha.

9.2. Is-Sindku pproponiet mozzjoni biex isir ftehim ta' PPP mad-Dar Sagra Familja biex il-ġnien ta' quddiem id-Dar ikun miftuħ għar-residenti kollha anzjani Naxxarin. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku.

9.3. Wara diskussjoni l-Kunsill approva l-mozzjoni b'mod unanimu filwaqt li kien hemm qbil li, qabel ma tintalab l-approvazzjoni mid-Dipartiment, is-SE għandu jikkonsulta mal-avukat dwar ir-responsabbiltà ta' riskji fil-post.

9.4. Il-Kunsillier Brincat talab li kull korrispondenza relatata għandha titressaq quddiem il-Kunsill.

9.5. Kopja tar-riżoluzzjoni hija annessa f'D.

## 10. MOZZJONI DWAR SOTTOKUMITAT GĦAS-SALINA

10.1. Il-Kunsillier Clifford Galea ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier Brincat, biex ikun iffurmat sottokumitat ta' ħames persuni speċifikament għas-Salina. Huwa ħass li dan huwa importanti biex iressqu l-problemi li jkollhom lill-Kunsill.

10.2. Is-Sindku pproponiet emenda biex is-Salina tkun inkluża mas-sottokumitat tal-Magħtab li kien għadu se jiġi ffurmat. Dan minħabba li s-Salina huwa żgħir wisq biex ikun waħdu. Madanakollu l-emenda taħseb ukoll biex in-numru ta' membri tas-sottokumitat jitla' għal total ta' seba' persuni filwaqt li fuqu jkun hemm il-Kunsillier Sammut u l-Kunsillier Galea. L-emenda kienet issekondata mill-Viċi Sindku.

10.3. Wara diskussjoni l-emenda għaddiet b'ħames voti favur u erbgħa kontra.

10.4. Meta d-diskussjoni kienet eżawrita, il-mozzjoni kif emendata għaddiet għall-votazzjoni li għaddiet *nem con*. Ir-riżoluzzjoni hija annessa f'E.

## 11. OFFERTI GĦAS-SERVIZZI TA' ACCOUNTANT

11.1. Qabel ma l-Kunsill beda jiddiskuti dan is-suġġett il-Kunsillier Brincat iddikjara li wieħed mill-offerenti joffri s-servizzi (bi ħlas) lill-kumpanija li l-Kunsillier Brincat għandu parti minnha. Huwa għalhekk staqsa jekk dan hux konflitt ta' interess. Is-SE informa li, skont l-opinjoni tiegħu, dan ma jikkostitwix konflitt ta' interess. Tal-istess fehma kienu l-kumplament tal-Kunsill.

11.2. Is-SE ippreżenta skeda dettaljata li turi l-ammonti fuq bażi ta' tliet snin kif ukoll dettalji dwar id-dokumenti li ssottomettew u l-esperjenza dikjarata.

11.3. Il-Kunsill beda biex qies l-irħas offerta iżda minħabba li din ma ssottomettiet l-ebda dokumenti u evidenza ta' esperjenza, il-Kunsill ma kienx konvint li din setgħet toffri servizzi tal-livelli li jixtieq il-Kunsill.

11.4. Meta għadda għat-tieni l-irħas offerta (mingħand is-Sinj. Romina Perici Ferrante) il-Kunsill qies l-esperjenza kbira li l-offerent kellha mal-Kunsilli Lokali. Is-SE informa li huwa kien ikkuntattja s-SE tal-Kunsill Lokali San Pawl fejn kien infurmah li din kienet toffri servizz tajjeb ħafna u li b'mod ġenerali ma kellux xi jgerger. Huwa tkellem ukoll mal-awdituri tal-Kunsill li wkoll indikaw li l-mod kif huma jaħdmu magħha, meta jiġu biex jivverifikaw il-kontijiet kien aċċettabbli.

11.5. Fid-dawl ta' dan kollu u fid-dawl li l-kumplament tal-offerenti jew kellhom ftit esperjenza jew xejn, il-Kunsill laqa' l-offerta tas-Sinj. Romina Perici Ferrante.

## 12. L-ATTIVITÀ TAL-MILIED

12.1. Is-Sindku tat informazzjoni dwar il-ħidma li qed issir għal din l-attività li se ssir il-Ħadd 4 ta' Diċembru. Hija infurmat li kienu ntalbu stimi lill-baned tal-lokal. Il-banda Peace tefgħet kwotazzjonijiet fuq tliet proposti, banda bi 30-35 element għall-prezz ridott ta' €350, banda ta' 20 element bi prezz ridott ta' €200 u l-*clarinet choir* bi prezz ridott ta' €100. Il-Kunsill qabel li jieħu l-banda ta' 20 element u l-*clarinet choir*.

12.2. Il-banda Vittorja infurmaw li minħabba ċirkostanzi mhux fil-kontroll tagħhom ma kinux f'pożizzjoni li joffru s-servizzi iżda kienu lesti li jikkollaboraw fil-futur.

12.3. Is-Sindku infurmat li saret talba simili għall-parteċipazzjoni tal-Kor Jubilate Deo filwaqt li kien hemm l-aċċettazzjoni tal-korijiet ta' San Damian u ta' Ruth Sammut Casingena. Se jsir ukoll kuntatt ma' Priscilla Psaila.

12.4. Is-SE informa li se jkun hemm Santa Klaws għall-prezz ta' €150 għal erba' sigħat u nofs servizz filwaqt li se jkun hemm il-ferrovija ta' Melita Trains.

12.5. Kien hemm ukoll stima ta' €250 mingħand Wild Strength Dancers li ġiet aċċettata wkoll.

12.6. Is-SE informa li kien iddiskuta ma' Ivan Gaffiero li kien lest li jipprovdi kantanti u mudelli bla ħlas. Huwa kien talab €100 biex ikun *compere* iżda li jekk il-Kunsill kien jikkollabora miegħu f'attività li jixtieq jagħmel is-sena d-dieħla fil-*multipurpose pitch* kien lest li ma jieħu l-ebda ħlas. Din il-kollaborazzjoni kienet tikkonsisti biss biex isir użu bla ħlas tal-*pitch.* Il-Kunsill laqa' t-talba tas-Sur Gaffiero li jikkollabora.

12.7. F'dan il-ħin il-Kunsillier Galea qajjem diskussjoni fejn saħaq li qed jieħu l-impressjoni li qed ikun imwarrab mill-ħidma tal-Kunsill. Huwa insista li ma xtaq qatt li huwa jidher li ma jridx jikkollabora għaliex huwa dejjem jixtieq ġid għall-Kunsill u n-Naxxar.

12.8. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami appellatlu biex joqgħod attent x'jikteb u/jew jgħid għaliex dak jista' jinfluwenza l-ħsibijiet tal-pubbliku b'mod li mhux neċessarjament ikunu l-istess ħsibijiet ta' min ikun għamilhom.

12.9. F'dan il-ħin is-Sindku semmiet talba li saret mill-Kazin Vittorja biex isir presepju ħaj fi Sqaq il-Ħabs fis-7 u t-8 ta' Diċembru. Is-SE informa li huwa kien talab lill-Kunsillier Galea (però fil-kapaċità ta' Segretarju tal-Każin tal-Banda Vittorja) biex jikkunsidraw ukoll li jibdewh għall-inqas mill-4 ta' Diċembru. Huma però wieġbu li ma kienx possibli. Is-Sindku tkellmet li jekk isir hekk il-pubbliku se jaħseb li hemm diżgwid u għalhekk ipproponiet li l-Kunsill jikkontribwixxi €250 għal parti mill-ispejjeż iżda li jkun irid intrama u qed jiffunzjona fl-4 ta' Diċembru u li jkun jista' jibqa' għaddej sat-8 ta' Diċembru. Jekk jibqgħu ma jaċċettawx l-offerta l-Kunsill ma jkunx f'pożizzjoni li joħroġ il-permessi biex isir fis-7 u t-8 ta' Diċembru. Il-Kunsillieri Brincat, Gatt, Miceli u Galea iddikjaraw li jaqblu mal-proposta iżda mhux li ma joħroġx il-permess għas-7 u t-8 ta' Diċembru jekk ma jaċċettawx. Il-kumplament tal-membri qablu mal-proposta kif imressqa mis-Sindku u għalhekk għaddiet b'ħames voti favur u erba' kontra.

## 13. PROĠETTI TAL-KUNSILL

13.1. Is-SE informa lill-Kunsill b'numru ta' proġetti li qegħdin fil-proċess. Il-Kunsill iddiskuta dawn il-proġetti u filwaqt li kkonfermahom, qabel li s-SE jipproċedi skont kif elenkat u anness f'F.

13.2. Fl-10:30pm il-Kunsill unanimament qabel li jibqa' għaddej bil-laqgħa.

13.3. Fil-10:42pm il-Kunsillier Gatt talab li jkun jista' jitlaq mil-laqgħa. It-talba ntlaqat.

## 14. TALBIET LILL-KUNSILL

14.1. Is-SE ressaq talba għat-tpoġġija ta' kiosk matul il-ġranet kollha tas-sajf u fi tmiem il-ġimgħa fix-xitwa fil-*picnic site* tas-Salina (quddiem il-Coastline Hotel). Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li dan ikun irriferut lid-Dipartiment tal-Artijiet iżda l-Kunsill iddikjara kontra li jitħalla jsir dan fuq dak it-tul kollu.

14.2. Is-SE informa li *Creme Cafe' at Yorkdale* kienu applikaw mad-Dipartiment tal-Artijiet biex ipoġġu l-imwejjed u s-siġġijiet fuq il-bankina. Huwa kien infurmat li d-Dipartiment tal-Artijiet kien fil-proċess li jibgħat jikkonsulta mal-Kunsill u għalhekk is-SE xtaq direzzjoni mill-Kunsill minħabba li ftit ikun hemm żmien għall-konsultazzjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jissapportja din l-applikazzjoni sakemm jitħalla passaġġ liberu ta' metru u nofs fuq il-bankina għall-*pedestrian.*

## 15. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

15.1. Qabel ma l-laqgħa ġiet fi tmiemha l-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 6 ta' Diċembru fis-7:30pm.

15.2. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fil-10:55pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

A

**Skeda Nru. Laqgha 37**

**Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mid-19 t'Ottubru sal-10 ta' Novembru 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Agricultural Co-operative Ltd. | €4,543.00 | €4,543.00 | T | PF | Garden Maintenance - September 2011 | 30/09/2011 | 12981 | n/a | n/a | 3061 | |
| 2 | Alex Jones | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the depositing of machinery in alley 5, Triq Santa Lucija | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14904 |
| 3 | AMJ Legal Services | €180.60 | €180.60 | T | PF | Retainer Fees for the month of October 2011 | 01/11/2011 | 115 of 2011 | n/a | n/a | 3140 | |
| 4 | Archway Ironmongery | €62.50 | €61.00 | D | PF | plastic cones, ramel, zrar, neon tube, etc. | 22/09/2011 | 31840 | 3691/ 3694 & | 3691/ 3694 & | 2370 | |
| 5 | Archway Ironmongery | €128.89 | €128.89 | D | PF | brush, gold paint, white spirit, paint brushes, etc. | 13/10/2011 | 32010 | 3714/ 3732 & 3733 | 3714/ 3732 & 3733 | 2370 | |
| 6 | Archway Ironmongery | €115.66 | €115.66 | D | PF | ramel, cement, zrar, silicone, etc. | 26/10/2011 | 32021 | 3714 & 3715 | 3714 & 3715 | 2370 | |
| 7 | Bernard Agius | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq Santa Lucija | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14924 |
| 8 | Busy Bee Ltd. | €81.49 | €81.49 | D | PF | order 53823 | 05/10/2011 | 7227 | 3738 | 3738 | 3330 | |
| 9 | Carmen Micallef | €110.00 | €110.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Pjazza Vittorja | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14908 |
| 10 | COA Ink & Toner Recharging Ltd. | €191.03 | €191.03 | D | PF | Hp 36 2000 pages @ 5% coverage; Hp 64A. | 01/07/2011 | 3197 | 3624 | 3624 | 2610 | |
| 11 | COA Ink & Toner Recharging Ltd. | €44.99 | €44.99 | D | PF | Black toner for HP Laserjet pro M1132 | 07/11/2011 | 3702 | 3730 | 3730 | 2610 | |
| 12 | Charlie Mifsud | €1,543.75 | €1,543.75 | T | PF | weed cutting of non-urban roads for the month of October 2011 | 03/11/2011 | 915 | n/a | n/a | 3052 | |
| 13 | Charlie Mifsud | €865.84 | €865.84 | T | PF | extra work beach cleaning - October 2011 | 03/11/2011 | 914 | n/a | n/a | 3063 | |
| 14 | Charlie Mifsud | €1,904.83 | €1,904.83 | T | PF | beach cleaning - October 2011 | 03/11/2011 | 913 | n/a | n/a | 3063 | |
| 15 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street Sweeping - October 2011 | 26/10/2011 | 107 | n/a | n/a | 3051 | |
| | **Sub Total c/f** | **€15,554.24** | **€15,552.74** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€15,554.24** | **€15,552.74** | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

A

Skeda Nru. Laqgha 37

**Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mid-19 t'Ottubru sal-10 ta' Novembru 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 | Claudio Antonio Cocuzzo | €233.00 | €233.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq il-Gdida | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14923 |
| 17 | Clint Catania | €233.00 | €233.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq is-Ssghajtar | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14914 |
| 18 | Clint Muscat | €25.00 | €25.00 | D | PF | Tower ladder service, 1hr with driver | 27/10/2011 | 62 | 3736 | 3736 | 2375 | |
| 19 | Clint Muscat | €60.00 | €60.00 | D | PF | Tower ladder service, without driver | 27/10/2011 | 63 | 3737 | 3737 | 2375 | |
| 20 | Commissioner of Inland Revenue | €2,452.10 | €2,452.10 | D | PF | FSS for the month of October 2011 | 28/10/2011 | n/a | n/a | n/a | 1500 | 14916 |
| 21 | Custom Lab Ltd. | €140.00 | €140.00 | D | PF | Photobooks for Mornago visit | 30/08/2011 | 38929 | 3661 | 3661 | 2925 | |
| 22 | Pagament kancellat | | | | | | | | | | | |
| 23 | Wise Owl | €200.00 | €200.00 | D | PF | purchase of books *(NLC shall be refunded according to memo 9/2011)* | 11/10/2011 | 1333B | 3739 | 3739 | 2995 | |
| 24 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert for the updated list of the Naxxar Open Market Hawkers | 28/10/2011 | n/a | 3735 | 3735 | 2940 | 14915 |
| 25 | Dolores Schiavone | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq Castro | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14912 |
| 26 | Dr Maria Fatima Deguara | €582.18 | €582.18 | D | PF | Mayor's allowance - October 2011 | 28/10/2011 | n/a | n/a | n/a | 1100 | |
| 27 | Enemalta Corporation | €1,040.00 | €1,040.00 | D | PF | Applications for Temporary Supply of electricity for Xmas decorations | 19/10/2011 | n/a | n/a | n/a | 3362 | |
| 28 | G4s Security Services Ltd. | €159.81 | €159.81 | D | PF | Cash collection services - October 2011 | 31/10/2011 | 3786 | n/a | n/a | 3190 | |
| 29 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract manager fee - October 2011 | 01/11/2011 | 2451 | n/a | n/a | 3065 | |
| 30 | Georgina Grima | €570.65 | €570.65 | D | PF | Nursing fees for the month of October 2011 | 31/10/2011 | Ott-11 | n/a | n/a | 3150 | |
| | **Sub Total c/f** | **€6,207.60** | **€6,207.60** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€15,554.24** | **€15,552.74** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€21,761.84** | **€21,760.34** | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

Skeda Nru. Laqgha 37

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mid-19 t'Ottubru sal-10 ta' Novembru 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 31 | Go plc. | €164.41 | €164.41 | D | PF | Telephony Service - October 2011 (21416341 & 21423327) | 10/10/2011 | 26714725 | n/a | n/a | 2160 | 14864 |
| 32 | Go plc. | €19.96 | €19.96 | D | PF | Telephony Service - October 2011 (21416363) | 10/10/2011 | 26714726 | n/a | n/a | 2160 | 14864 |
| 33 | Go plc. | €235.90 | €235.90 | D | PF | Telephony Service - October 2011 (21417224) | 10/10/2011 | 26714731 | n/a | n/a | 2160 | 14864 |
| 34 | Gordon Micallef | €233.00 | €233.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq E. Bradford | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14911 |
| 35 | Grace Camilleri | €190.45 | €190.45 | D | PF | Librarian service - October 2011 | 06/11/2011 | n/a | n/a | n/a | 2995 | |
| 36 | Green Supplier Ltd. | €70.80 | €70.80 | D | PF | 1 Large flower arrangement delivered to Naxxar Oratory | 04/11/2011 | 14403 | 3729 | 3729 | 3360 | |
| 37 | Honey & Cream | €88.50 | €88.50 | D | PF | Refreshments inauguration of Arts Exhibition | 04/11/2011 | 346 | 3744 | 3744 | 3360 | |
| 38 | Hydrolectric Ltd. | €114.70 | €114.70 | D | PF | 32A Contactor 4P 240V for Xmas lights | 09/11/2011 | 22287 | 3742 | 3742 | 3360 | |
| 39 | Hydrolectric Ltd. | €520.63 | €465.64 | D | PF | Analogue Daily Timer 100hr RES ELO-D; MCB 1P+N 40A C 6K 2M G60; enclosure poly 405X650X200 IP65. | 04/11/2011 | 22162 | 3722 | 3722 | 3360 | |
| 40 | Impressions Ltd. | €59.00 | €59.00 | D | PF | 60 A3 posters - Arts, Hobbies & Crafts Exhibition 2011 | 31/10/2011 | 34933 | 3710 | 3710 | 3360 | |
| 41 | Impressions Ltd. | €62.54 | €62.54 | D | PF | Certificates A4, 4x0, Fedrigoni 1488 tintoretto gesso 250gsm, trim to size | 03/11/2011 | 34994 | 3726 | 3726 | 3360 | |
| 42 | Jason Paul Micallef | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq Santa Lucija | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14909 |
| 43 | John Attard | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq V. Boron | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14922 |
| 44 | Joseph Camilleri | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq Leli Falzon | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14910 |
| 45 | Joseph Fenech Clarke | €116.50 | €116.50 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Xatt il-Palm | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14907 |
| | **Sub Total c/f** | **€2,346.39** | **€2,291.40** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€21,761.84** | **€21,760.34** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€24,108.23** | **€24,051.74** | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mid-19 t'Ottubru sal-10 ta' Novembru 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 46 | Jurgen Attard | €1,234.80 | €1,234.80 | T | PF | Handyman service - October 2011 | 31/10/2011 | Ott-11 | n/a | n/a | 3125 | 14920 |
| 47 | Jurgen Attard | €136.50 | €136.50 | T | PF | Football Ground Guardian - October 2011 | 31/10/2011 | 1156693 | n/a | n/a | 3191 | |
| 48 | Lands Department | €247.97 | €247.97 | D | PF | Permit for Deposit ids.: 494; 535; 715 & 744 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3690 | 14866 |
| 49 | Leo's Garage Paramount | €167.74 | €167.74 | D | PF | transport services for September 2011 | 30/09/2011 | 24070 | n/a | n/a | 3380 | |
| 50 | Liam Mangion | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refund for the depositing of machinery in Bahar ic-Caghaq | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14905 |
| 51 | The Lighthouse Keepers | €10,232.72 | €10,232.72 | T | PF | Numerous Works done on street lamps (24th Apr09 till 17th March11) for which they had never been paid | *several* | *several* | n/a | n/a | 3065 | |
| 52 | The Lighthouse Keepers | €52.12 | €52.12 | T | PF | Job Number: 1057/ ref. no.: 5663 | 27/10/2011 | KLNX1057 | n/a | n/a | 3065 | |
| 53 | The Lighthouse Keepers | €48.63 | €48.63 | T | PF | Job Number: 1056/ ref. no.: 5662 | 27/10/2011 | KLNX1056 | n/a | n/a | 3065 | |
| 54 | The Lighthouse Keepers | €49.44 | €49.44 | T | PF | Job Number: 1054/ ref. no.: 5650 | 27/10/2011 | KLNX1054 | n/a | n/a | 3065 | |
| 55 | The Lighthouse Keepers | €46.66 | €46.66 | T | PF | Job Number: 1055/ ref. no.: 5659 | 27/10/2011 | KLNX1055 | n/a | n/a | 3065 | |
| 56 | The Lighthouse Keepers | €6.97 | €6.97 | T | PF | Job Number: 1051/ ref. no.: 5639 | 27/10/2011 | KLNX1051 | n/a | n/a | 3065 | |
| 57 | The Lighthouse Keepers | €49.76 | €49.76 | T | PF | Job Number: 1052/ ref. no.: 5640 | 27/10/2011 | KLNX1052 | n/a | n/a | 3065 | |
| 58 | The Lighthouse Keepers | €46.28 | €46.28 | T | PF | Job Number: 1032/ ref. no.: 5527 | 27/10/2011 | KLNX1032 | n/a | n/a | 3065 | |
| 59 | The Lighthouse Keepers | €6.97 | €6.97 | T | PF | Job Number: 1048/ ref. no.: 5636 | 27/10/2011 | KLNX1048 | n/a | n/a | 3065 | |
| 60 | The Lighthouse Keepers | €17.76 | €17.76 | T | PF | Job Number: 1060/ ref. no.: 5689 | 03/11/2011 | KLNX1060 | n/a | n/a | 3065 | |
| | **Sub Total c/f** | **€12,574.32** | **€12,574.32** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€24,108.23** | **€24,051.74** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€36,682.55** | **€36,626.06** | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**
**Data: mid-19 t'Ottubru sal-10 ta' Novembru 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | The Lighthouse Keepers | €31.87 | €31.87 | T | PF | Job Number: 1059/ ref. no.: 5688 | 03/11/2011 | KLNX1059 | n/a | n/a | 3065 | |
| 62 | The Lighthouse Keepers | €33.75 | €33.75 | T | PF | Job Number: 1062/ ref. no.: 5715 | 03/11/2011 | KLNX1062 | n/a | n/a | 3065 | |
| 63 | The Lighthouse Keepers | €28.18 | €28.18 | T | PF | Job Number: 1058/ ref. no.: 5682 | 03/11/2011 | KLNX1058 | n/a | n/a | 3065 | |
| 64 | Mailbox Services Group | €17.70 | €17.70 | D | PF | Door to Door Distribution | 05/07/2011 | 588 | 3625 | 3625 | 2640 | |
| 65 | Mario Mallia | €973.68 | €973.68 | D | PF | white road marking paint; yellow road marking paint; thinner; black 5ltrs | 24/10/2011 | 1168 | 3713 | 3713 | 2312 | |
| 66 | Melita plc. | €22.43 | €22.43 | D | PF | Telephony Service - October 2011 | 01/10/2011 | 31070176 | n/a | n/a | 2160 | 14863 |
| 67 | Miles Express Cargo Systems Ltd. | €1,226.55 | €1,226.55 | D | PF | items: Inland Haulage; AWB fee; Airline Handling fee; FSC/ SCC; etc | 30/09/2011 | 40892 | n/a | n/a | 3330 | |
| 68 | Miller Distributors Ltd. | €33.03 | €33.03 | D | PF | Ester - Vittma tar-Reghba; Delitti li jibqaw jissemmew; ecc *(NLC shall be refunded according to memo 9/2011)* | 05/10/2011 | BKS00129644 | 3704 | 3704 | 2995 | |
| 69 | MITA | €79.52 | €79.52 | D | PF | e-mail a/cs for the period of July - Sept. 2011 | 31/10/2011 | 25562 | n/a | n/a | 3110 | |
| 70 | Patrick Grima | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq il-Germanja | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14926 |
| 71 | Permanent Secretary at OPM | €25.00 | €25.00 | D | PF | Advert in TMI of Wednesday 2/11/2011 - printing of NLC Magazine | 31/10/2011 | n/a | 3719 | 3719 | 2940 | 14917 |
| 72 | Peter Mercieca | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq il-Mosta | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14913 |
| 73 | Renato Aquilina | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq Birguma | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14927 |
| 74 | Richie's Ironmongery | €26.40 | €26.40 | D | PF | water tank lid | 28/09/2011 | 2039AA | 3692 | 3692 | 2370 | |
| 75 | Richie's Ironmongery | €3.98 | €3.98 | D | PF | DIN RAIL 35X7.5MMX1M | 07/11/2011 | 2146AA | 3734 | 3734 | 2370 | |
| | **Sub Total c/f** | **€2,862.09** | **€2,862.09** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€36,682.55** | **€36,626.06** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€39,544.64** | **€39,488.15** | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mid-19 t'Ottubru sal-10 ta' Novembru 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 76 | Ricky Caruana | €914.00 | €914.00 | T | PF | Naxxar LC Public Convenience Cleaning | 28/10/2011 | NLC10_2011 | n/a | n/a | 3053 | |
| 77 | Ricky Caruana | €467.00 | €467.00 | T | PF | Naxxar LC Civic Centre Cleaning - October 2011 | 28/10/2011 | NLC10_2011 | n/a | n/a | 3055 | |
| 78 | Sarah Scerri | €110.00 | €110.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq l-Imdina | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14921 |
| 79 | Scan Malta Computer Stores | €45.00 | €45.00 | D | PF | edimax ps-120mf print server for multifunction printers; delivery service - Malta | 02/11/2011 | 6489779 | 3709 | 3709 | 7315 | |
| 80 | Sharon Carmen De Marco | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq Hans Christian Anderson | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14925 |
| 81 | Snowhite Laundry | €25.00 | €25.00 | D | PF | Cleaning of flags | 28/09/2011 | 409966 | 3682 | 3682 | 2370 | |
| 82 | Spiral Design | €757.56 | €757.56 | D | PF | Production & supply of cut out lettring from 19mm PVC covered with black vinyl. Also supply of stainless steel studs & template for installation. | 25/10/2011 | 2313 | 3656 | 3656 | 7110 | |
| 83 | Spiral Design | €73.16 | €73.16 | D | PF | Expenses made for Arts & Crafts Exhibition 2011 | 25/10/2011 | 2314 | 3712 | 3712 | 3360 | |
| 84 | Staff Salaries | €7,927.52 | €7,927.52 | D | PF | Staff Salaries for the month of October 2011 | 28/10/2011 | n/a | n/a | n/a | 1200 | |
| 85 | Stanley Farrugia Randon | €12.00 | €12.00 | D | PF | purchase of a book named: "Molluscs of the Mediterranean Sea" | 04/11/2011 | n/a | 3743 | 3743 | 2995 | |
| 86 | Victor Mula | €1,195.60 | €1,195.60 | T | PF | Handyman service - October 2011 | 31/10/2011 | Ott-11 | n/a | n/a | 3125 | 14929 |
| 87 | Vincent Vella | €233.00 | €233.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq Abbata Savoia | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14906 |
| 88 | Vodafone MT | €12.41 | €12.41 | D | PF | mobile service whilst abroad (Mornago delegation Sept. 2011) | 01/10/2011 | 2619799102011 | n/a | n/a | 3330 | 14865 |
| 89 | WasteServ Malta Ltd. | €6,918.25 | €4,757.34 | D | PF | allocated MSW waste - Sept. 2011 (293.15 tonnes) | 15/10/2011 | 12727 | n/a | n/a | 3040 | |
| 90 | WasteServ Malta Ltd. | €17.94 | €17.94 | D | PF | Ghallis Engineered Landfill for 01.09.2011 - LAM305 | 15/10/2011 | 13142 | n/a | n/a | 3040 | |
| | **Sub Total c/f** | **€18,828.44** | **€16,667.53** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€39,544.64** | **€39,488.15** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€58,373.08** | **€56,155.68** | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**B**

**Income list for the month of October 2011** **01/11/2011**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| 0000 | others | €4.66 |
| 0000 | reimbursement-pooling | €7,313.00 |
| 0001 | Annual allocation from Government | €0.00 |
| 0015 | Other Government Income | €0.00 |
| 0020 | Commercial/directional signs | €0.00 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €3,355.04 |
| 0023 | Cultural activities | €135.00 |
| 0024 | Football ground hire | €56.00 |
| 0025 | Skip Permit | €53.36 |
| 0026 | Crane Permit | €384.42 |
| 0027 | Kiosk Permit | €0.00 |
| 0028 | Outside activity permit | €23.30 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc. | €130.48 |
| 0031 | Hire of Council Hall | €93.18 |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | €0.00 |
| 0033 | Payment for damages to public property | €95.89 |
| 0036 | Contraventions | €0.00 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €152.54 |
| 0100 | Donations / sponsorships | €0.00 |
| 0121 | Advertising | €35.00 |
| 0125 | Trenching permits | €16.31 |
| 4006 | Contractors guarantees (refundable) | €1,400.00 |
| | **TOTAL** | **€13,248.18** |

Ċ

| Purchase Order list for the month of October 2011 | | | | 01/11/2011 |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Date** | **P.O. No.** | **Supplier** | **Items** | **Cost €** |
| 11/10/2011 | 3694 | Archway | Sand, Paint, cement, Bolts, Nuts, Padlock, tile glue, roll bolts | €19.76 |
| 12/10/2011 | 3695 | Bitmac Ltd. | Cold Asphalt, Bags for patching x40 | €170.00 |
| 13/10/2011 | 3696 | Bitmac Ltd. | Cold Asphalt, Bags for patching x35 | €148.75 |
| 14/10/2011 | 3697 | B. Grima & Sons Ltd | 6 No entry signs etc | €293.82 |
| 14/10/2011 | 3698 | Bitmac Ltd. | instant road repair | €29.74 |
| 14/10/2011 | 3699 | Teckno Airconditioning | Labour charge on a/c in Hall | €42.01 |
| 14/10/2011 | 3700 | Charles Sant | service of 2 skips | €115.00 |
| 14/10/2011 | 3701 | CSD Office Trade | 12 post it notes, other stationary, etc | €9.58 |
| 14/10/2011 | 3702 | Discuss Products Co. Ltd. | several food & beverages to Mornago | €200.00 |
| 14/10/2011 | 3703 | Mr Ivan Zammit | transport services re: Mornago | €45.00 |
| 14/10/2011 | 3704 | Miller Distributars | purchase of 5 books | €33.03 |
| 14/10/2011 | 3705 | Robert Galea | 2 Aerobics Classes | €400.00 |
| 14/10/2011 | 3706 | Smart | several food & beverages | €182.20 |
| 14/10/2011 | 3707 | Transient | Hiring of lighting for Arts Hobbies and Crafts Exhibition. | €435.18 |
| 18/10/2011 | 3708 | Casapinta | Exhibition panels and spotlights- arts hobbies and crafts | €1,817.20 |
| 20/10/2011 | 3709 | Scan Computers | Print Server for front office printer | €45.00 |
| 20/10/2011 | 3710 | Impressions Ltd. | 60 A3 posters re: Arts, Hobbies & Crafts 2011 | €59.00 |
| 20/10/2011 | 3711 | Bitmac Ltd. | Bags of instant tarmac for road repairs | €21.60 |
| 20/10/2011 | 3712 | Spiral Design Ltd | Cleaning and changing of dates on Banner and signs | €73.16 |
| 24/10/2011 | 3713 | Mario Mallia | Road maintenance paint | €973.68 |
| 24/10/2011 | 3714 | Archway | Cement, sand, drill, bolts, gravel, keys and tag | €16.35 |
| 28/10/2011 | 3715 | Art Academy Arts & Crafts | thick kartoncin card A2 Verde Pino; thick kartoncin card A4 Verde Intenso; etc. | €59.39 |
| 28/10/2011 | 3716 | Paramount Garage | Transport to Rabat cultural Act., Oct 2011 | €76.70 |
| 28/10/2011 | 3717 | Archway Ironmongery | cement, ramel, kulur, zrar, ecc | €81.82 |
| 28/10/2011 | 3718 | Archway Ironmongery | Xmas Decoration | €72.47 |
| 28/10/2011 | 3719 | DLG - Permanent Sec | Advert TMI Wed.2/11/2011 - Printing of NLC magazine | €25.00 |
| 28/10/2011 | 3720 | J & S Store | Keys and tags | €4.70 |
| 31/10/2011 | 3721 | Archway Ironmongery | paint - xmas trees exhibition | €19.36 |
| | | | | |
| | | | **Total** | **€5,469.50** |

# D

**Riżoluzzjoni biex isir Public Private Partnership mad-Dar Sagra Familja**

Is-Sindku tipproponi:

Biex il-Kunsill ikompli jżid is-servizzi lill-komunita` gewwa n-Naxxar, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli, għandu jsir ftehim tat-tip Public Private Partnership mad-Dar Sagra Familja dwar l-użu tal-ġonna ta' quddiem l-istess Dar Sagra Familja mill-anzjani kollha tan-Naxxar.

Qiegħed ikun għalhekk propost kuntratt kif mehmuż ma' din il-mozzjoni u mmarkat 'A'. Dan il-ftehim għandu jkun diskuss mal-amministrazzjoni tad-Dar Sagra Familja u, appena jikkonfermaw l-aċċettabilità tagħhom, issir applikazzjoni mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex il-Kunsill ikun jista' jidħol għal dan il-kuntratt.

La darba jkun approvat mid-Dipartiment issir talba uffiċċjali lill-Gvern Ċentrali ħalli jgħin fl-iffinanzjar tal-proġett.

L-approvazzjoni jekk dan il-proġett isirx jew le tkun tiddependi fuq l-ammont ta' għajnuna li jirnexxielna nġibu mingħand il-Gvern Ċentrali.

Jissekonda:
Pierre Sciberras – Viċi Sindku

# D (a)

**FTEHIM TA’ PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP**
**KUNSILL LOKALI NAXXAR – DAR SAGRA FAMILJA NAXXAR**

Ftehim iffirmat illum bejn Dott. Maria F. Deguara, (I.D. 745449M) Sindku tan-Naxxar u Paul Gatt, (I.D. 19665M ), Segretarju Eżekuttiv, li qed jidhru f isem il-Kunsill Lokali Naxxar għall-interessi tal-Kumitat Amministrattiv, (aktar ’il quddiem imsejjaħ il-Kunsill)

u .....................................

s-Sinjura Joyce Pullicino (I.D.______) li qed tidher għan-nom tad-Dar Sagra Familja fi Triq il-Markiż Scicluna (aktar ’il quddiem imsejħa d-Dar) debitament awtorizzata kif jidher mid-dokument anness ma’ dan il-ftehim immarkat dok ‘A’.

Peress illi

a. L-amministrazzjoni tad-Dar hija disposta li toffri toffri aċċess liberu għall-ġonna ta’ quddiem tad-Dar għar-residenti anzjani tan-Naxxar;
b. Dan l-aċċess ikun ta’ benefiċċju għar-residenti anzjani tan-Naxxar;
c. Il-Kunsill huwa lest li jagħmel investiment fl-imsemmija ġonna sabiex jirranġa l-istess ġonna;

Għaldaqstant, il-partijiet jiftehmu kif ġej:

1. L-Amministrazzjoni tad-Dar tintrabat li toffri aċċess liberu u mingħajr ħlas għall-ġonna ta’ quddiem tad-Dar għar-residenti anzjani tan-Naxxar, u li m’humiex residenti fl-imsemmija dar, filwaqt li toffri għad-dispożizzjoni tagħhom dawn is-servizzi li ġejjin:

a. Faċilitajiet aċċessibbli ta’ *toilets* għall-anzjani irġiel, nisa u b’diżabilità, inkluż dawk li jużaw siġġu tar-roti.
b. Servizz ta’ nurse kwalifikat(a) għall-ewwel għajnuna jew emerġenzi f’każ ta’ bżonn.
c. Sigurtà permezz ta’ sistema ta’ CCTV.

2. Il-ħinijiet allokati għall-aċċess tal-ġonna huma matul il-ġimgħa (ħdud, sibtijiet u festi pubbliċi inklużi) kif ġej:

a. Fix-xhur ta’ ______ sa _______ bejn it-______ u _______

b. Fix-xhur ta’ ______ sa _______ bejn it-______ u _______

3. Permezz ta’ dan il-ftehim il-Kunsill qiegħed jintrabat li jirranġa l-ġonna ta’ quddiem tad-Dar sa mhux aktar tard minn _______ mid-data ta’ dan il-ftehim. Dan l-irranġar għandu jsir skont il-pjanta annessa bi spiża ta’ mhux aktar minn €30,000 (L-Ispiża), liema Spiża tkun iffinanzjata mill-Kunsill jew minn sorsi oħra li jista’ jikseb il-Kunsill.

D

4. Dan il-ftehim qiegħed isir għal perijodu ta' għaxar (10) snin mill-_____________, sat-_______. Sitt xhur qabel l-għeluq tal-perijodu ta' dan il-ftehim l-partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin bil-miktub dwar jekk għandhomx il-ħsieb li jġeddu dan il-ftehim.

5. Fl-eventwalita illi d-Dar b'xi mod tonqos milli tonora bis-sħiħ l-obbligi tagħha ai termini ta' dan il-ftehim, il-Kunsill ikollu d-dritt li permezz ta' ittra reġistrata jinforma lid-Dar b'dan in-nuqqas u jitlob lid-Dar tirranġa n-nuqqas. Fl-eventwalità li d-Dar tonqos milli tagħmel dan fi żmien ħamest ijiem minn mindu tkun irċeviet l-imsemmija ittra reġistrata, il-Kunsill ikollu d-dritt jittermina dan il-ftehim permezz ta' ittra reġistrata mibgħuta lid-Dar u jitlob u jottjeni ħlas bhala kumpens ikkalkulat kif ġej:

| | |
|---|---|
| Terminazzjoni fl-ewwel sena | 100 % ta' l-Ispiża |
| Terminazzjoni fit-tieni sena | 90% ta' l-Ispiża |
| Terminazzjoni fit-tielet sena | 80% ta' l-Ispiża |
| Terminazzjoni fir-raba' sena | 70% ta' l-Ispiża |
| Terminazzjoni fil-ħames sena | 60% ta' l-Ispiża |
| Terminazzjoni fis-sitt sena | 50% ta' l-Ispiża |
| Terminazzjoni fis-seba' sena | 40% ta' l-Ispiża |
| Terminazzjoni fit-tmien sena | 30% ta' l-Ispiża |
| Terminazzjoni fid-disa sena | 20% ta' l-Ispiża |
| Terminazzjoni fl-ghaxar sena | 10% ta' l-Ispiża |

6. Il-Kunsill flimkien mad-Dar jintrabtu li jżommu l-gonna fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. L-ispejjeż għall-manutenzjoni jitħallsu kif ġej:
    a. L-ewwel €300 spejjeż fis-sena (eskluż il-VAT fejn applikabbli) jitħallsu mill-Kunsill. Spejjeż fuq it-€300 fis-sena (eskluż il-VAT fejn applikabbli) jitħallsu mid-Dar.

E

**Riżoluzzjoni biex jitwaqqaf sottokumitat għas-Salina**

Bħala parti mill-ħidma bħala kunsilliera, hemm il-ħtieġa li jitwaqqaf sotto-kumitat fis-Salina, liema kumitat ikollu kuntatt dirett mal-kunsill fejn f'laqgħat li jsiru, jittieħdu suġġerimenti mir-residenti bil-għan li jsir titjib f'din iż-żona Naxxarija.

Dan is-sotto-kumitat għandu jkun amalgamat mas-sottokumitat tal-Magħtab li jkun jikkonsisti f'mhux aktar minn seba' persuni u mmexxi minn Clifford Galea u Clinton Sammut.

*Mozzjoni oriġinali proposta mill-Kunsillier Clifford Galea u ssekondata mill-Kunsillier Marlon Brincat.*

*Emenda proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku*

**<u>Proġetti tal-Kunsill</u>**

**Bankini**
Is-SE informa li qed jistenna l-approvazzjoni tal-permessi mingħand Transport Malta (TM) u li kienu ilhom madwar xahrejn u nofs.  Dawn jinkludu Triq is-Sejjieħ, Triq is-Salib, Triq il-Minfaħ, Triq San Ġorġ u parti minn Triq Santa Luċija.

**Toroq**
Dawn it-toroq kienu ordnati lill-kuntratt wara li ngħata l-kuntratt il-ġdid tal-kisi tat-toroq.  Dawn huma skont il-lista ta' prijoritajiet approvata mill-Kunsill aktar qabel.

- Triq iz-Zonqor
- Triq ix-Xehda (parti ta' fuq)
- Triq it-Telekommunikazzjoni
- Triq l-Irdum
- Triq Sir A. Frementle
- Triq Sir William Jervios (parti t'isfel)
- Trejqet Nicholas Monsarrat

**Bini fuq il-Kunsill**
Is-SE spjega li kien hemm diġà pjanat mill-Kunsill sular ieħor fuq il-Kunsill madanakollu dan kien waqaf filwaqt li x-xogħol kif disinjat kien kbir wisq biex jagħmel il-proġett possibbli.  Kien għalhekk li huwa ra x'inhuma l-akbar bżonnijiet u li l-aktar kien fl-organizzar ta' korsijiet speċjalment dawk ta' *aerobics*, *keep fit* u *zumba*.  Għalhekk kien diskuss mal-periti tal-Kunsill li jkun iffukat bini fuq is-sala tal-konferenzi biex infatti tinbena sala mdaqqsa.  Il-Kunsill qabel li s-SE ikompli fuq dawn il-linji.

**Triq Philip Skippon**
Is-SE fakkar li l-Kunsill kien ilu jirċievi diversi lmenti fuq wesgħa fl-inħawi ta' Triq Philip  Skippon.  Il-periti preżenti kienu mitluba jiddisinjaw miżura u infatti ħarġu bi proposta ta' rawndebawt.  Il-Kunsill laqa' din il-proposta u qabel li ssir konsultazzjoni mar-residenti u eventwalment japplika għall-permess ma' TM.

**Triq Castro**
Il-Periti ntalbu wkoll biex jiddisinjaw proġett għal Triq Castro kif kien qabel il-Kunsill aktar qabel.  Huwa kien qiegħed jissuġġerixxi li possibilment din it-triq tinżamm f'karatteristika ta' żona antika u għalhekk kien xieraq li jsir xi tip ta' pavimentar.  Huwa kien enfasizza li dak li jsir ma jkunx ta' periklu għall-anzjani u għalhekk ma jridx ikun hemm ħniek fil-pavimentar.  Il-Kunsill qabel.

**Proġett ta' tisbiħ fuq Triq il-Mitħna**
Kif kien approva l-Kunsill aktar qabel, is-SE talab lill-Periti biex jippjanaw proġett għal dik iż-żona.  Infatti l-periti diġà bdew jiddisinjaw xi ħaġa iżda hemm problema ta' nuqqas ta' tagħrif

dwar żoni li jidher li suppost huma intenzjonati għall-bini iżda fl-istess ħin hemm garaxxijiet u twieqi għal fuq dawn iż-żoni. Is-SE bagħat jistaqsi lid-Dipartiment tal-Artijiet biex jikkonfermawlu ta' min huma dawn l-artijiet. Fl-istess waqt se jkun hemm il-ħtieġa li jsir *survey.* Il-Kunsill approva.

*F'dan il-ħin kien skużat mil-laqgħa l-Kunsillier Bonello.*

**Triq San Pawl**
Is-SE informa li kien talab lill-Periti biex jiddisinjaw miżura fi Triq San Pawl fl-inħawi tal-Knisja ta' San Pawl. Huwa informa li ma kienx tal-idea li jsiru *pelican lights* fil-viċinanzi tal-Knisja u għalhekk il-Kunsill qabel li possibilment isiru *lights* aktar 'l isfel lejn Villa Arrigo. Is-SE kien qiegħed jirrakkomanda lill-Periti biex jittrattaw iż-żona b'mod aktar ħolistiku u li possibilment inaqqas it-traffiku u jsiru xi tip ta' *traffic calming measures* oħra.

**Latrini**
Is-SE informa li kien iddiskuta mal-Periti x-xewqa tal-Kunsill li jsir xogħol fuq il-latrina. Il-Periti kienu qed jirrakkomandaw li l-Kunsill jikkunsidra li jeleva l-*multipurpose* pitch biex possibilment, waqt li jagħmel xogħol ta' kostruzzjoni, jimmassimizza l-ispazju tal-parkeġġ. Il-Kunsill qabel li l-Periti għandhom ikomplu jikkunsidraw il-possibiltajiet kollha filwaqt li għandhom jikkunsidraw ukoll proġett li jimmassimizza l-ispazju għall-parkeġġ bejn il-bandli u t-tarf ta' fuq ta' Triq tal-Labour.

*F'dan il-ħin kien skużat mil-laqgħa l-Kunsillier Gatt.*

**Problema fi Triq Ġużeppi Stivala**
Is-SE informa li lill-Periti kien għaddielhom problema ta' għargħar fi Triq Ġużeppi Stivala f'kantuniera ma' Triq l-Imdina. Dawn kienu mitluba biex jirrakkomandaw soluzzjoni.

**Proġett għal Triq V Boron**
Is-SE informa li min-naħa tal-MRRA kien intalab biex jiddisinjaw il-proġett il-Periti tal-Kunsill ħalli l-proġett ikun aktar skont ix-xewqat tal-Kunsill. Id-Direttur tal-Proġetti fi ħdan l-MRRA wiegħed però li, jekk il-proġett ikun approvat li jsir mill-MRRA, il-proġett isir skont il-pjanti tal-Periti tal-Kunsill għalkemm jagħmel tibdil fil-periti biex jutilizza l-periti tad-Dipartiment tiegħu. Il-Kunsill approva.